# 31 ta' Marzu, 1955

## Imħallef:
## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Marianna Carabott et. *versus* Giuseppe Farrugia

### Kuntratt — Silenzju tal-Partijiet — Kunsens.

***Skond** id-dottrina, is-silenzju tal-kontraenti ma jipproduċix, fih innifsu, l-effett ta' kuntratt; jiġifieri ma jinduċix neċessarjament il-kunsens tagħhom, iżda kolloz jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ. U biex is-silenzju jkollu l-effett li jipproduċi dan il-kunsens, hemm bżonn li jkollu diversi karattri; jiġifieri illi l-persuna li tkun bagħet siekta tkun taf bil-fatt, li tkun fil-possibilità li tiddissenti, li l-fatt ma jkunx per sè illeċitu, u illi jkun hemm il-vantaġġ jew tagħha jew ta' min jagħmel dak il-fatt.*

***B'applikazzjoni** ta' dan il-prinċipju, fil-każ preżenti, il-konvenut, li kien obligat ruħu li jibni ħajt diviżorju u jagħti lill-attur l-appoġġ b'xejn ma' dak il-ħajt, ippretenda li kien meħlus minn dan l-obligu tiegħu, billi l-ħajt inbena mhux minnu, imma mill-attur; u l-Qorti rriteniet illi, billi l-konvenut kien jaf li kien qiegħed jinbena dak il-ħajt, kien imur fuq il-post u jara x'kien qiegħed isir, u qatt ma lmenta jew għamel l-anqas osservazzjoni, bl-atteġġjament tiegħu kien aċċetta l-operat tal-attur, u daħal konsegwentement għall-obligu li jħallas il-bini tal-ħajt li kien imissu għamel hu.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, peress li b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Paul Pellegrini Petit ta' l-14 ta' April, 1950, l-instanti taw b'titolu ta' ċens biċċa art għall-bini lill-konvenut, u żammew id-dritt illi mal-ħajt diviżorju jpoġġu mingħajr ħlas il-fabbrika tal-bini tagħhom (dok. A); u peress li dan il-ħajt diviżorju laħaq inbena mill-atturi għall-fond numru 70B. Palm Street, Pawla, u l-konvenut poġġa miegħu l-fond tiegħu nru. 70A. Palm Street, Pawla; u peress li l-konvenut ġie inutilment interpellat bl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru, 1952, biex iħallas l-ispiża ta' dan il-ħajt, ammontanti għal £93.1.7, u £4.18.0 dritt tal-Perit Giuseppe Barbara li għamel l-istima tiegħu (dok. B u C); u, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti neċessarji, talbu li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' £97.19.7, in kwantu għal £93.1.7 valur tal-ħajt diviżorju (dok. B), u in kwantu għal £4.18.0 dritt tal-perit li stmaħ (dok. C), jew somma oħra li tiġi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, jekk ikun hemm bżonn, permezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru, 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut jippretendi li hu ġie meħlus mill-obbligu li jagħti lill-atturi l-appoġġ b'xejn bil-fatt li l-ħajt inbena mhux minnu, imma mill-atturi. Mill-provi rriżulta illi dan il-ħajt sar mill-atturi mingħajr oppożizzjoni tal-konvenut; u għalhekk issir neċessarja l-indaġini jekk il-konvenut b'dan l-atteġġjament tiegħu, baqgħax vinkolat skond il-kuntratt jew le;

Illi s-silenzju tal-kontraenti, skond id-dottrina, ma jipproduċix, fiħ innifsu, l-effett ta' kuntratt; jiġifieri ma jinduċix neċessarjament il-kunsens tagħhom, iżda kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ. Jgħid Laurent: "Il silenzio 'solo' non produce quest'effetto (i.e. di contratto), il quale si forma da fatti che accompagnano quello e che gli danno un significato che per sè stesso non ha" (Diritto Civile, XV, § 483). Il-Gabba, imbagħad, fil-monografija maġistrali tiegħu "Del Silenzio nel Diritto Civile", imur jikkonkludi illi "il silenzio 'assoluto' ......può valere per assenso tacito, sia

di fronte ad una domanda altrui, sia di fronte ad un altrui fatto ultraneo fatto sulla cosa nostra, purchè non domanda d'illecita prestazione nè fatto delittuoso, e tanto all'effetto di far perdere un diritto al silente, quanto all'effetto di imporgli un obbligo" (Giurisprudenza Italiana, 1901, parte IV, paġ. 357). U skond l-istess awtur, biex is-silenzju jkollu dawn l-effetti, hemm bżonn li jkollu diversi karattri, jiġifieri li l-persuna li tkun baqgħet siekta tkun taf ("scienza") bil-fatt, li tkun fil-possibbiltà li tiddissenti, li l-fatt ma jkunx per sè illeċitu, u illi jkun hemm il-vantaġġ jew tagħha jew ta' min jagħmel dak il-fatt (op. ċit., paġ. 347). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, is-skiet isir fonti ta' drittijiet u ta' obbligi, bħal ma jiġri fin-"negotiorum gestio". Anzi, kif josserva l-istess Gabba, "se invero è sorgente di obblighi e di diritti la 'negotiorum gestio' perchè gerisce degli interessi altrui alla insaputa del 'dominus', come non lo sarà la gestione degli interessi altrui, sciente e silente il 'dominus'? 'A fortiori' manifestamente lo sarà" (op. ċit., pag. 356). Għalhekk, jikkonkjudi l-istess awtur, "l'assunzione di un obbligo ...... in virtù di semplice silenzio di fronte ad ...... un atto o fatto ultraneo alturi in confronto nostro, non si può, neppur esso escludere, dichiarare impossibile 'a priori', senza avere riguardo alle concrete circostanze dei singoli casi" (op. ċit., paġ. 355);

Illi fid-dawl ta' dana l-insenjament dottrinali hu xieraq li jiġu eżaminati l-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Ġie pruvat illi l-konvenut, meta kien qiegħed isir il-ħajt, kien imur fuq il-post u jara x'kien qiegħed isir, u qatt ma lmenta jew għamel l-anqas osservazzjoni. L-istess kien l-atteġġjament ta' bintu Carmela Farrugia, "alter ego" tiegħu; dina kienet għamlet osservazzjoni lill-attur Felice Carabott li xi filati fuq il-linja tal-qatran ma kienux sewwa, u effettivament dawn ġew maqlugħa u poġġuti regolari. Dana d-diportament tal-konvenut u bintu baqa' sakemm tlesta l-ħajt u sar l-appoġġ. Meta kollox kien lest, u l-attur Felice Carabott mar ikellem lill-konvenut fuq il-ħajt, dana rrispondieħ biss "Dina l-ħaġa narawha 'l quddiem" (fol. 17); u bintu Carmela Farrugia kienet osservat biss lill-istess attur illi l-ħajt kien jista' jsir b'orħos (fol. 17 tergo);

Illi minn dana l-atteġġjament, u fuq l-iskorta tal-prinċipji fuq esposti, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-konvenut aċċetta l-operat ta' l-atturi, u daħal konsegwentement għall-obbligu li jħallas il-bini tal-ħajt li kien imissu għamel hu; salv dejjem id-dritt tiegħu li jikkritika l-ispiża nkorsa mill-atturi; u għal dana l-iskop sejjer jingħata l-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-konvenut;

U tiddeċidi billi tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli lejn l-attur dwar il-bini tal-ħajt diviżorju deskritt fiċ-ċitazzjoni; u għall-fini tal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tinnomina, a spejjeż provviżorjament ta' l-atturi, lill-I.Ċ.A. Professur Robert Galea ...... u jippreżenta r-rapport mhux iżjed tard miż-17 ta' Ġunju, 1955, għal liema ġurnata qegħdha tiġi differita l-kawża;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.